WINSTON L. ZAMMIT B.A. (Hons.), M.A.

# DIŻGRAZZJI U INĊIDENTI FUQ IL-BLAT U MADWAR IL-KOSTA TA' TAS-SLIEMA (1921-1929)

Tas-Sliema għandha kosta twila mhux ħażin. Tibda minn taħt il-Kunvent tal-Karmnu fil-Balluta u tkompli ma' Ġnien l-Indipendenza. Iddur mat-Torri ta' De Redin u tkompli sejra sa Fond Ghadir. Terġa' tikser ħdejn il-Fortizza u tkompli ma' Għar id-Dud u tikser lejn Qui-si-sana. Tikser mal-ponta ta' Tignè u tkompli max-Xatt ta' Tignè sax-Xatt ta' Tas-Sliema proprju, sax-Xatt tal-Gżira.

Din il-kosta mimlija blat tkun mimlija bin-nies matul ix-xhur sħan tas-sajf. Tkun mimlija nies jixxemxu jew jgħumu. Fix-Xitwa tkun baħħ u fi ġranet tal-maltemp tinħakem mill-qilla tal-mewġ li ġieli jkun għoli ta' sular. Fuq dan il-blat u l-kosta ta' madwarha, bejn l-1921 u l-1929 ġraw b'kollox tmien inċidenti, li kienu jinkludu t-tifrik ta' skuna, l-inkaljar ta' vapur, l-għarqa ta' żewġ persuni u erba' inċidenti oħra li fihom numru ta' persuni sabu ruħhom fil-baħar, iżda ħadd minnhom ma għereq.

### 1921 - Tifrik ta' Skuna Taljana

Nhar is-Sibt, 21 ta' April 1921, filgħaxija qamet maltempata kbira, u r-riħ kellu forza ta' riefnu. F'dan il-ħin kienet qed toqrob lejn Malta l-iskuna Taljana "Santissima Annunziata". Ir-riħ qawwi spiċċa biex xeħet l-iskuna fil-punent tal-breakwater. Il-maltemp ħakem l-iskuna li f'radda ta' salib sabet ruħha fuq il-blat ta' Għar



**Il-medalja li turi lil Sant'Atanasio, li nstabet fuq l-iskuna S.S. Annunziata li tfarrket fuq il-blat taħt il-Fortizza.**

id-Dud taħt il-Fortizza. Dak il-ħin, f'dik il-maltempata ma kien hemm ħadd f'Għar id-Dud. Iżda ż-żagħżugħ Edward Conti, li kien jinsab f'dar fil-viċin, sama' xi għajjat u daqq ta' qniepen. Ħalla daru, resaq lejn iċ-ċint ta' Għar id-Dud u ra l-iskuna mal-blat. Fuq il-blat



sama' l-għajjat ta' raġel u resaq viċin tiegħu. B'periklu kbir għal ħajtu tela' bih fil-Fortizza ta' Għar id-Dud u talab l-għajnuna. Is-suldati stazzjonati fil-Fortizza kienu pronti taw l-għajnuna. Bis-saħħa ta' hekk ġew salvati l-baħrin kollha li ġew meħuda f'Każin viċin fejn ingħataw kull għajnuna. Waslu wkoll it-tobba Darmanin u Eddie Cretien. Is-Supretendent Busuttil u l-Ispettur Borg Cardona u membri oħra tal-Korp tal-Pulizija marru malajr fuq il-post, u wara li ġabru t-tagħrif mill-Kaptan u mill-ekwipaġġ dwar dak li kien ġara, ħaduhom bl-ambulanza lejn l-Isptar Zammit Clapp.[1]

Billi l-iskuna tfarrket, meta l-maltemp waqaf, xi Maltin niżlu taħt il-Fortizza biex jaraw x'jistgħu jiġbru mill-injam ta' l-iskuna. Fuq biċċa mill-injam kien hemm medalja ta' Sant' Atanasio, li r-ritratt tagħha qed jidher ma' dan l-artiklu.

### 1922 - S.S. Cordelia fuq il-blat taħt Tignè

L-inċident tas-sena ta' wara (1922) ħoloq allarm kbir. Kmieni filgħodu nhar is-Sibt, 26 ta' Awissu 1922, il-vapur Ingliż S.S. Cordelia, li kien ġej minn Suez fl-Eġittu b'ħażna ta' petrol, kien dieħel bil-mod fil-Port ta' Marsamxett. Għal xi raġuni jew oħra f'daqqa waħda dan il-vapur ma żammx ir-rotta u spiċċa fuq il-blat taħt Tignè. B'riżultat, ix-Xatt u s-swar imtlew bin-nies. Dakinhar stess sar attentat biex il-vapur jiġi maqlugħ minn fuq il-blat, iżda dan ma rnexxiex. Billi parti mill-vapur kienet imtliet bl-ilma, sar magħruf li biex jinqala' minn mal-blat riedu jitneħħew minnu, madwar 2,000 tunnellata ta' petrol.

Dan l-inċident ġibed l-attenzjoni ta' l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż. Għaldaqstant, nhar it-Tnejn 28 ta' Awissu 1922, saret laqgħa ta' livell għoli li fiha ħadu sehem il-Gvernatur Sir Herbert Plumer, l-Ammirall Sir R. Tyrwhitt, il-Kaptan Lambert u l-Kaptan Wilcox, il-Ministru tal-Ġustizzja l-Konti Alfredo Caruana Gatto, il-Ministru ta' l-Industrija u Kummerċ Ugo Mifsud, il-Logotenent Gvernatur Walter Robinson u l-Aġent tad-

Ditta Lloyds. F'din il-laqgħa l-Ammirall Tyrwhitt spjega x'miżuri kienu diġà ttieħdu bla suċċess biex jinqala' l-vapur minn fuq il-blat, iżda spjega wkoll il-periklu li kien hemm. Kien inevitabbli, spjega Tyrwhitt li l-petrol jibda ħiereġ mill-vapur, u f'każ li ma jkunx hemm pompa apposta, dan kien se jkun ta' riskju. Il-problema kienet se tkompli tikber f'każ li jinbidel it-temp, għax f'dan il-każ *"an escape of benzine could not be prevented, and this might later entail conflagration and serious damage to shipping in the Grand and Marsamxett Harbours, as well as in Valletta and in the neighbouring districts"*.[2]

F'dawn iċ-ċirkostanzi, dawk kollha preżenti qablu li:

(a) Kien essenzjali li l-vapur jitneħħa minn fejn kien malajr kemm jista' jkun;

(b) Iżda biex dan seta' jseħħ kien essenzjali li minn fuq il-vapur jitneħħew l-2,000 tunnellata petrol, u kellhom isiru arranġamenti għal dan il-proċess malajr kemm jista' jkun. Il-preokkupazzjoni li kkaġuna dan l-inċident toħroġ mill-fatt li l-għada, 29 ta' Awissu, il-Gvernatur Sir Herbert Plumer bagħat telegramm lis-Segretarju ta' l-Istat għall-Kolonji Winston Churchill. Fih, wara li ta spjega ta' dak li ġara u l-periklu li kien hemm, qallu: *"I am also taking steps for removal and safeguard of ammunition and explosives on parts in vicinity"*.[3]

Iżda ma damx ma wasal it-tanker "Acardo" minn Rotterdam u nbeda l-proċess ta' l-ippumpjar tal-petrol. Bis-saħħa ta' hekk it-tug boats ta' l-Ammiraljat irnexxielhom ineħħu l-vapur minn fuq il-blat, minfejn salpa waħdu lejn Ta' Xbiex. Rasu mistrieħa li l-periklu issa kien għadda, Plumer bagħat telegramm ieħor lil Churchill fejn qallu: *"S.S. Acardo arrived today and removed portion cargo from S.S. Cordelia. Cordelia successfully refloated - Plumer"*.[4]

## Il-Mewt ta' Żewġ Persuni (1927)

S'issa fiż-żewġ inċidenti li semmejna ma miet ħadd. Sfortunatament fl-1927 seħħew żewġ inċidenti li fihom mietu tifel ta' 12-il sena u suldat. Nhar is-Sibt, 12 ta' Marzu 1927, l-aħwa Harry u Douglas Barnes, ta' 12 u 9 snin rispettivament, li kienu joqogħdu f'Tas-Sliema, marru fuq il-blat fil-viċinanzi tal-"Bathing Club" fl-inħawi ta' Qui-si-Sana. Madwar il-11.15 a.m., x'ħin Harry kien qed jinżel mal-blat, żelaq u spiċċa taħt l-ilma baħar. Ħuh Douglas telaq jiġri jgħajjat għall-għajnuna. Miss Mabel Wilson, li nzertat kienet fil-viċin, qabżet il-baħar u ppruvat tara fejn kien jinsab it-tifel. Iżda ma setgħetx issibu għax wara ġie stabbilit li l-ġisem tat-tifel kien daħal f'ħofra ta' blata li kien hemm taħt l-ilma. Aktar tard, qrib 12.10 p.m., għaddiet dgħajsa minn Marsamxett, u Carmelo Saliba, "iċ-Ċefai", minn Tas-Sliema, qabeż il-baħar u rnexxielu joħroġ il-ġisem mejjet tat-tifel mill-blata u jtellgħu fuq il-blat, iżda sa dak il-ħin sfortunatament kien diġà mejjet.[5]

Ħames xhur wara, fis-17 ta' Awissu 1927, Gunner T. King, tar-Royal Artillery, mar igħum Għar id-Dud ħdejn il-Fortizza. Jidher li ma tantx kien jaf igħum. Fil-fatt għereq u meta tellgħuh instab mejjet.[6]

## Diversi Persuni fil-Periklu (1928)

Fl-1928 seħħew tliet inċidenti li fihom b'kollox tmien persuni sabu ruħhom f'diffikultà jew fil-periklu ta' l-għarqa. F'Ġunju ta' l-1928, Giovanni Camilleri ta' 7 snin waqa' l-baħar fi Strada Marina Tignè u kien fil-periklu li jegħreq, iżda salvah Ġużeppi Pace minn Tas-Sliema.[7] Fl-istess xahar, nhar is-16 ta' Ġunju, erba' membri ta' l-ekwipaġġ ta' H.M.S. Valentine ħarġu jibburdjaw. Iżda kien riħ qawwi sewwa jonfoħ *"half a gale"* u dawn il-baħrin sabu ruħhom fil-baħar, meta li 'skiff' li kienu fuqha għerqet barra Għar id-Dud. Is-*Signal Station* f'Kastilja ta l-aħbar ta' dak li kien ġara lil H.M.S. Egmont u lill-Pulizija tal-baħar. Lanċa telqet minn H.M.S Egmont biex tagħti l-għajnuna, iżda sakemm waslet fuq il-post il-baħrin kienu diġà nġabru minn biċċa tal-baħar tar-Royal Navy.[8]

Fit-8 ta' Awissu, imbagħad, seħħ inċident ieħor. Tliet persuni, fosthom l-Ispiżjar Vassallo ta' Triq it-Torri, marru jgħumu taħt il-Fortizza f'baħar imqalleb. L-Ispiżjar Vassallo safa megħlub mill-qilla tal-mewġ u beda jsejjaħ l-għajjut billi kien qed jegħreq. Is-Sur Joseph Pace kien pront qabeż fil-baħar biex jagħti l-għajnuna. Huwa qabad lil Vassallo minn dahru u bi tbatija kbira rnexxielu jżommu fuq l-ilma, waqt li beda jitlob lin-nies miġbura fuq il-blat biex iġibu l-ħbula. Damu f'din il-pożizzjoni madwar għoxrin minuta, sakemm waslu l-ħbula li permezz tagħhom l-erba' għawwiema twasslu sa l-art.[9]

## 1929

Fl-1929 seħħ inċident ieħor meta nhar it-30 ta' Ġunju, Giovanni Attard, tifel ta' seba' snin, waqa' l-baħar aċċidentalment filwaqt li kien qed jistad fix-Xatt ta' Tas-Sliema, iżda ġie salvat minn Anġlu Brincat li rnexxielu jtellgħu l-art.[10]

## RIFERENZI


1. "Malta" 23rd April 1921; The D(aily) M(alta) C(hronicle) 25th March 1921.
2. D.M.C. 28th August 1922; N(ational) A(rchives) LGO 1922, No. 242.
3. N.A.M. LGO 1922, No. 242.
4. D.M.C. 4th September 1922, No. 242 N. N.A.M. LGO 1922, No. 242.
5. D.M.C. 15th March 1927.
6. Ibid., 19th August 1927.
7. Ibid., 13th June 1928.
8. Ibid., 19th June 1928.
9. Ibid., 10th August 1928.
10. Ibid., 6th July 1929.